**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Kongunt Nru : 242/15 AL

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi huma zzewgu nhar it-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija wiehed u disghin (1991);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ulied, illum it-tnejn maggiorenni, pero' hemm dovut manteniment u spejjez ohra

relatati ma sahha u edukazzjoni a favur ta' NB, liema manteniment u spejjez qeghdin jithallsu skont it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni u ma hemmx dubju li dawn ser jibqghu jithallsu skont it-termini tal-kuntratt hawn indikat;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal madwar sbatax (17) il-sena;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut kemm minn parti lil ohra;

Illi l-partijiet jaqblu li jkunu rapprezentati minn legali uniku;

Illi dawn il-fatti, hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu sabiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom jghixu hajja separata ghal madwar hmistax il-sena u ilhom legalment separati mit-22 ta' Gunju 2000;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.